

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni għamlet applikazzjoni żbaljata tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 billi ddeċidiet li aċċess għad-dokumenti mitluba kien jippreġudika serjament il-protezzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji pendenti mibdija fil-kawżi T-192/16, T-193/16 u T-257/16, u li aċċess għad-dokumenti msemija kien ifixkel l-interess tal-Kummissjoni li tikseb parir legali u li tingħata parir sinċier, oġġettiv u eżawrjenti. Qed jiġi sostnut ukoll taħt dan il-motiv li l-Kummissjoni naqset milli tirrikonoxxi li aċċess għad-dokumenti mitluba huwa ta' interess pubbliku prevalenti u li għandhom għal din ir-raġuni jiġu żvelati.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet applikazzjoni żbaljata tal-ewwel u tat-tieni subparagrafi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 billi ddeċidiet li aċċess għad-dokumenti mitluba kien jippreġudika serjament il-proċess deċiżjonali u/jew billi naqset milli tirrikonoxxi l-eżistenza ta' interess pubbliku prevalenti, b'mod partikolari, minħabba li l-proċess deċiżjonali inkwistjoni ġie tterminat.
4. Ir-raba' motiv, ippreżentat sussidjarjament, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 billi ma tatx aċċess, lanqas parzjali, għad-dokumenti mitluba li ħadet b'mod sħiħ.

(<sup>1</sup>) Regolament Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 3, Vol. 3, p 331.

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2016 – SilverTours vs EUIPO (billiger-mietwagen.de)

(Kawża T-866/16)

(2017/C 053/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: SilverTours GmbH (Freiburg im Breisgau, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Neuwald, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "billiger-mietwagen.de" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 343 099

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-3 ta' Novembru 2016, fil-Każ R 206/2016-5

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

- Ksur tal-ewwel ewwel sentenza tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.